

Brussell, 29 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14284/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0178(NLE)

RECH 440
MED 40
AGRI 719
MIGR 374
RELEX 1237
RHJ 8

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL UE 2024/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni
tal-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri
li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim
għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea
u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan,
li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet
għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan
fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 u l-Artikolu 218(6)(a), il-punt (v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ stabbiliet is-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni² –għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2028.
- (2) Il-Ġordan huwa wieħed minn 19-il Stat Parteċipanti tal-PRIMA, li kkonkluda ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, li stabbilixxa t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tiegħu fil-PRIMA³ ("il-Ftehim PRIMA"). Il-Ftehim PRIMA għandu jibqa' fis-seħħ sakemm id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tibqa' fis-seħħ.

¹ Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li pparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

³ Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 108).

- (3) Id-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ estendiet id-durata ġenerali tal-PRIMA sal-31 ta' Diċembru 2031 u tipprevedi li l-Ġordan ikompli jkun Stat Parteċipanti fil-PRIMA taħt Orizzont 2020. Barra minn hekk, dik id-Deċiżjoni tipprevedi li l-Ġordan jitqies bħala Stat Parteċipanti għall-finijiet tal-parteeċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet tal-PRIMA taħt Orizzont Ewropa⁵ soġġett għall-konklużjoni ta' ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jemenda u jissupplimenta l-ftehim internazzjonali eżistenti għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni u li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet il-ġodda tal-parteeċipazzjoni tal-Ġordan fil-PRIMA.
- (4) Peress li l-Ġordan esprima l-interess tiegħu li jkompli jkun Stat Parteċipanti għall-finijiet tal-attivitajiet tal-PRIMA taħt Orizzont Ewropa, jenħtieġ li jaċċetta formalment it-termini u l-kundizzjonijiet aġġornati.

⁴ Id-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteeċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa (ĠU L, 2024/1167, 19.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1167/oj>).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteeċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>).

- (5) Għal dak l-għan, fid-9 ta' Novembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2023/2621⁶, li awtorizzat lill-Kummissjoni tinnegozja ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim PRIMA, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Ġordan fil-PRIMA taħt Orizzont Ewropa.
- (6) Dawk in-negozjati ġew finalizzati fil-15 ta' Frar 2024, u f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/...⁷⁺ il-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri li jemenda u jissupplimenta il-ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA), ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fi [...] 2024, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2621 tad-9 ta' Novembru 2023 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehimiet, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, li jemendaw u jissupplimentaw il-ftehimiet għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, ir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, ir-Repubblika Libaniża u r-Renju tal-Marokk, rispettivament, li jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom fir-rigward ta' Orizzont Ewropa fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b'mod konġunt minn diversi Stati Membri (ĠU L, 2023/2621, 21.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2621/oj>).

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim, fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 14277/24 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Deċiżjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

- (7) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni.
- (8) F'konformita' mat-Trattati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel in-notifika prevista fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fil-ġamla ta' Skambju ta' Ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ("il-Ftehim"), huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tipproċedi, f'isem l-Unjoni, biex tagħmel in-notifika prevista fil-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha⁸.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

⁸ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.